ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**Minuti tal-408 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 26 ta' Diċembru, 2012**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Kevin Plumpton, is-Sur Mark Grech u s-Sur Joseph Bonnici.

Is-Sur Robert Buhagiar u s-Sur Keith Pisani kienu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-407 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Mark Grech tkellem dwar laqgħa li kienet saret mill-MEPA rigward *plots* mhux mibnija u li qed iservu għal rimi llegali ta' skart. Is-Sur Grech u s-Sur Bonnici qalu li matul din il-laqgħa perit tal-MEPA spjega kif il-Kunsilli Lokali jistgħu jtellgħu ħajt ta' erba' filati wara li l-MEPA tkun naddfet il-plot. Is-Sur Grech semma art mitluqa li hemm fi Triq ir-Rihan u qal li minkejja li l-MEPA kienet saħansitra ħarġet avviż ta' nfurzar (ECF 452/07) biex din l-art titnaddaf u tiddawwar b'ħajt, din tħalliet mitluqa b'detriment għar-residenti.

Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jagħmel pressjoni biex sid din l-art jiġi mġiegħel inaddaf din l-art u jdawwarha b'ħajt. Fin-nuqqas, il-Kunsill jtella' l-ħajt u jibgħat il-kont tal-ispejjeż lill-MEPA biex eventwalment meta s-sid japplika biex jiżviluppa l-art, dan ikollu jħallas l-ispejjeż li jkunu saru mill-Kunsill qabel ma jkun jista' jibni.

Is-Sur Bonnici qal li din il-proċedura toħloq problema ta' *cash flow* għall-Kunsill l-aktar meta tqis in-numru ta' artijiet li m'għandhomx ħajt imdawwar magħhom u li qed iservu

ta' miżbla. Is-Sur Bonnici saħaq dwar l-importanza li l-Kunsill Lokali jagħmel kull pressjoni possibbli biex l-art ta' Triq ir-Rihan titnaddaf u li artijiet oħra kemm f'tal-Ħofra kif ukoll f'żoni oħra jiġu identifikati biex dawn jitnaddfu u jiddawwru b'ħajt.

Is-Sur Bonnici rrefera wkoll għal-laqgħa li saret mill-MEPA dwar il-permessi relatati mal-operat tal-funderija Hompesch Steel. Matul din il-laqgħa, il-MEPA qalet li biex tinħareġ estenzjoni għat-tħaddim tal-impjant għas-sena li ġejja, iridu jiġu onorati l-obbligazzjonijiet li s-sidien ta' Hompesch Steel għandhom skont il-permess maħruġ lilhom din is-sena.

Dwar it-tappiera ta' Triq iċ-Ċawsli, is-Sur Bonnici talab li din tiġi rranġata peress illi qiegħda għolja u ta' periklu għas-sewwieqa.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-laqgħa li kellha ssir bejn rappreżentanti mill-Kunsill li kienu Membri fil-Bord tal-Għażla għall-Ingaġġ ta' Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv u d-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u staqsiet jekk l-appuntament mitlub kienx ingħata. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li ssir l-applikazzjoni formali lill-M.E.P.A biex tkun tista' ssir *flower bed* mal-ġenb tal-Iskola Primarja B.

Is-Sur Grech tkellem dwar ir-*road humps* li qed jiġu proposti għal Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sur Grech qal li fl-opinjoni tiegħu l-aħjar postijiet fejn dawn għandhom isiru huma; waħda fil-parti d-dejqa ta' Triq iċ-Ċimiterju int ħiereġ għal Triq Santa Marija u oħra fil-parti ta' bejn Triq Dun Frans Buhagiar u Triq is-Saqwi. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li għandha tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta wara li s-Sur Grech iġib il-kunsens tar-residenti li quddiemhom qed tiġi proposta li ssir din ir-*road hump*.

Dwar l-*ispeed camera* proposta għal Triq Wied il-Għajn, il-Kunsill qabel unanimament fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Plumpton, li jsiru żewġ *speed cameras* fi Triq Wied il-Għajn u li s-Sindku jressaq it-talba formali lir-Reġjun Xlokk.

<u>Item 4 – Korrispondenza</u>

Inqrat ittra mibgħuta minn Leon Promotions dwar l-attività tal-Karnival li l-kumpanija lesta tagħmel f'Ħaż-Żabbar għall-prezz ta' €1,100. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata din l-attività.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Martin Pace dwar problema ta' għadira kbira ta' ilma li hemm quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Inqrat ittra li ntbgħatet mingħand is-Sur Paul Steel, *Head of Retail Banking and Wealth Management* tal-bank HSBC, dwar għotja ta' €800 li l-bank ppreżenta lill-Kunsill biex dawn jintużaw għal titjib ambjentali fil-lokalità.

Dwar l-ittra rigward il-proġett '*Discovering Malta and Gozo Through Its People and Culture'*, il-Kunsill qabel unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici li din il-korrispondenza tiġi mgħoddija lill-Viċi Sindku bħala ċ-*Chairman* tas-Sotto-Kumitat tal-Kultura.

Dwar il-korrispondenza rigward l-isem ta' triq ġdida li nfetħet bejn Triq in-Newl u Triq Ħadd in-Nies, il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech, qabel unanimament li l-Kunsill jitlob lilll-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq biex jingħata isem uffiċjali lil din it-triq.

Inqrat ittra li l-*Manager* tal-GAL Xlokk is-Sur Silvio Schembri kiteb lis-Sur Joseph Caruana, uffiċjal fil-Ministeru għar-Riżorsi, dwar ix-xogħlijiet li kellhom isiru taħt il-Miżura 125 li kien jinkludi x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Ħas-Sajjied.

<u>Item 5 – Xogħol tal-Kunsill</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-iskeda ta' ħlasijiet għall-perjodu ta' bejn il-28 ta' Novembru, 2012 u s-26 ta' Diċembru, 2012 li kien jammonta għal € 28, 453.56

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-unika kwotazzjoni li l-Kunsill irċieva għall-korsijiet tal-kompjuter. L-offerta kienet mingħand il-kumpanija TCTC u fiha ngħataw ir-rati għall-korsijiet li ser jiġu organizzati. Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici l-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-offerta mingħand il-kumpanija T.C.T.C.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill unanimament approva l-lista ta' kotba 'Żabbar – A Living History' li l-Kunsill ta bħala *complimentary* bejn it-8 ta' Diċembru, 2011 u s-26 ta' Diċembru, 2012 u li kienu jammontaw għal 38 ktieb *soft bound*.

Fit-8.00 ta' filgħaxija, il-Viċi Sindku talab li jkun skużat.

Dwar l-ittra mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, qabel unanimament li jġedded il-polza ta' assigurazzjoni għall-impjegati tal-Kunsill għas-sena 2013.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi peress li l-ispiża ta' xogħol fuq it-toroq li qed jiġu *resurfaced* taħt l-iskema PPP ser ikunu qed jiswew aktar milli kien stmat jeħtieġ li tinħareġ sejħa għall-offerti biex ikun jista' jitlesta x-xogħol fi Triq il-Magħsar u Triq il-Grazzji biex b'hekk ikun tlesta x-xogħol kollu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

Peress illi fl-400 laqgħa tal-Kunsill li saret fit-30 ta' Mejju, 2012 il-Kunsill fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sur Grech kien qabel unanimament li għall-perjodu li matulu s-Sinjura Isabelle Testaferrata de Noto kienet Deputat Segretarju Eżekuttiv matul is-sena 2011 kienet qed tingħata *performance bonus* ta' 10% u billi fil-minuti tal-Kunsill ta' l-istess laqgħa din id-deċiżjoni bi żvista ma tniżżlitx fil-minuti, il-Kunsill ikkonferma li f'dawn il-minuti għandha titniżżel din il-minuta li tikkonferma d-deċiżjoni li ħa l-Kunsill fil-laqgħa tat-30 ta' Mejju, 2012 dwar l-*appraisal report* u l-*performance bonus* tal-impjegata.

Inqraw il-Minuti tat-33 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peters. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li giet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-minuti.

<u>Ġieħ Ħaż-Żabbar</u>

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ġieħ Ħaż-Żabbar lis-Sur Thomas E. Farrell, l-ewwel Sindku li kellha l-lokalita` ta' Ħaż-Żabbar.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici il-Kunsill qabel unanimament li Ġieħ Ħaż-Żabbar jingħata wkoll lis-Sur Charles Casha għall-kontribut tiegħu fil-letteratura.

<u>Ċertifikat ta' Ħajr</u>

Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur George Busuttil jingħata Ċertifikat ta'Ħajr għal ħidma tiegħu fil-qasam tal-volontarjat.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Plumpton il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta'Ħajr liċ-ċiklist Karl Xuereb għas-suċċess tiegħu fil-qasam sportiv

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Grech il-Kunsill qabel unanimament li jagħti Ċertifikat ta'Ħajr lil Rev. Fr Roderick Camilleri għal ħidma reliġjuża tiegħu fil-komunita`.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta'Ħajr lis-Sinjura Melita Mizzi għax-xogħol tagħha fil-qasam tal-volontarjat.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici l-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta'Ħajr lis-Sur JJ Aquilina għal ħidma tiegħu fil-komunita kif ukoll għal kontribut tiegħu fil-qasam sportiv.
Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta'Ħajr lis-Sur Charles Vincenti għal kontribut tiegħu fil-qasam mużikali.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Plumpton il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta'Ħajr lis-Sinjura Caroline Caruana għal kontribut tagħha fil-qasam kulturali.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja l-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sinjura Antida Troisi għal kontribut tagħha fil-qasam kulturali u għal ħidma tagħha fil-volontarjat.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill approva unanimament l-użu tas-siġill uffiċjali tal-Kunsill għal fuq iċ-ċertifikati li ser jiġu preżentati f'Jum Ħaż-Żabbar nhar il-Ġimgħa 1 ta' Frar, 2013.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Grech talab li tiġi rranġata bankina mkissra li hemm fi Triq il-Kappar. Huwa talab ukoll li tiġi rranġata bankina mkissra li hemm fil-bidu ta' Triq il-Kittien minn naħa ta' Triq Bormla.

Is-Sur Grech talab li tiġi rranġata l-bankina ta' *zebra crossing* li hemm fi Triq is-Santwarju biex din tkun aċċessibbli għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

Is-Sur Grech talab ukoll li ssir *zebra crossing* fi Triq taċ-Ċawsli kif ukoll li jsiru l-*parking bays* fi Triq Francis X. Attard u Triq Bieb is-Sultan.

Is-Sur Grech talab li titnaddaf Trejqet Wied ta' Mazza u tiġi rranġata l-art fi Triq il-Mina ta' Hompesch. Huwa semma wkoll il-ħtieġa li tinbena *roundabout* fi Triq San Ġużepp u din ssir 'l fuq mit-tarmak peress illi dik li hemm miżbugħa mhux qed tiġi osservata.

Is-Sur Grech semma l-bżonn illi r-residenti li joqgħodu fi Triq Felice bejn Triq il-Ħawt u Triq ix-Xgħajra jiġu mitluba biex ma jipparkjawx fuq il-bankina.

Is-Sur Bonnici semma l-*website* il-ġdida li ser ikollu l-Kunsill u talab li l-kunsillieri jkunu jafu dwar il-kontenut ta' dan is-sit kif ukoll dwar l-aċċess għaliha qabel ma din tkun *online*.

Is-Sur Bonnici ppropona li peress illi fi zmien qasir il-pajjiż ser ikun għaddej minn kampanja elettorali, ikun aħjar jekk il-paġna tal-Kunsill fuq *Facebook* tiġi temporanjament magħluqa u terġa tinfetaħ wara l-elezzjonijiet sabiex jiġi assigurat li din il-paġna sservi l-iskop li għalih infetħet. Is-Sur Buttigieg issekonda lis-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel bi tlett voti favur u żewġ voti kontra li jkun aħjar jekk il-paġna tiġi temporanjament magħluqa u l-pubbliku jiġi ġentilment mitlub jagħmel l-ilmenti u s-suġġerimenti tiegħu permezz tal-email, telefon, jew personalment fl-uffiċini tal-Kunsill.
Is-Sur Buttigieg talab li jsiru l-*hatching lines* li kellhom isiru f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Huwa talab ukoll li jiġu *refreshed* il-*hatching lines* li hemm fi Triq tal-Labour.

Is-Sur Buttigieg informa lill-Kunsill illi s-Sotto Kumitat għal Anzjani kien innomina lil Dun Ġuzepp Sultana għall-premju Nazzareno Vassallo imtella minn Care Malta.

Is-Sinjura Calleja qalet li dan il-Premju kien intrebaħ minn Żabbari ieħor, is-Sur George Busuttil li issa l-Kunsill kien qed jonoraħ ukoll b'Ċertifikat ta' Ħajr.

Is-Sur Buttigieg talab li jiġi rranġat id-dawl taz-zebra crossing f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u li tiġi miżbura siġra tat-tin li hemm fi Triq l-Iskola u li qegħda ta' periklu għall-pubbliku.

Is-Sur Bonnici qal li kien diġa tkellem mal-*Consortium* dwar din is-siġra u din ser tkun tista' tinżabar f'Jannar

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-409 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 23 ta' Jannar, 2013.

Domenic Agius
Sindku